



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1958/2013, imressqa minn José Sánchez Fernández, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar kontrolli fuq ċittadin tal-UE fil-fruntiera ta' bejn Franza u Andorra**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jesprimi l-fehma li l-awtoritajiet fil-fruntiera Franċiża jadottaw attitudni wisq żelanti u stretta fir-rigward ta' ċittadini li jippruvaw jaqsmu minn Andorra lejn Franza. Il-petizzjonant huwa ċittadin Spanjol li jemmen li qed jiġi diskriminat meta jipprova jidħol Franza bil-karozza mill-punt ta' qsim tal-fruntiera ta' Pas de la Casa. Min-naħa l-oħra, il-karozzi rreġistrati Franza lanqas biss ikollhom għalfejn jieqfu. Il-petizzjoni fiha rendikont dettaljat haġna tal-kontrolli fuq il-karozza tal-petizzjonant u inċidenti oħra.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-17 ta' Lulju 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-petizzjonant jilmenta dwar kontroll li ħa fit-tul fuq il-karozza tiegħu mill-pulizija Franċiża li joperaw fil-fruntieri bejn Andorra u Franza.

Il-Prinċipat ta' Andorra mhuwiex membru tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipju tal-moviment liberu mhuwiex applikabbli għaċ-ċirkustanzi tal-petizzjoni.

### Konklużjoni

Il-Kummissjoni ma tista' tistabbilixxi l-ebda restrizzjoni fir-rigward tal-moviment liberu fiċ-

ċirkustanzi tal-petizzjoni, peress li dan il-prinċipju la huwa applikabbli f'Andorra u lanqas fil-fruntieri tagħha ma' Franza.